**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors Nru : 128/15 AL

**A B**

***vs***

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti A B (gja A E B) u l-intimat C D E zzewgu fis-26 ta' Gunju 2004 u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bl-att taz-zwieg numru 1044/2004 (Dokument A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, M E B, li twieldet fis-6 ta' Lulju 2005, u li llum ghandha kwazi 10 snin;

Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin de facto ghal dawn l-ahhar erba' snin, kif jidher minn ittra li kien baghat l-intimat lill-genituri tal-esponenti datata 12 ta' Marzu 2011 (Dokument B), filwaqt li

sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg tat-22 ta' Marzu 2013 (Dokument C);

Illi l-esponenti A B u l-intimat C D E huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippredenti ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi huma irrinunzjaw definittivament u irrevokabilment ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi inoltre, l-intimat C D E sal-lum ottempora ruhu mal-obligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment u l-ghixien tal-minuri Faye E B, u li jaghti lill-esponenti l-kontribuzzjoni finanzjarja shiha dovuta ghall-beneficcju tal-istess minuri, skont il-kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg tat-22 ta' Marzu 2013, u sal-lum ma hemm ebda kwistjoni bejniethom fir-rigward;

Illi l-esponent tiddikjara u tikkonferma li ma hemm ebda prospett ghal rikoncilazzjoni bejnha u l-intimat;

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 1044/2004;
(2) Tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament huwa ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti inqdiet bil-proceduri tal-affissjoni u pubblikazzjoni biex tinnotifika lill-esponenti meta hija taf fejn jahdem u setghet facilment tinnotifikah fuq il-post tax-xoghol tieghu;

Illi huwa jopponi ruhu ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet :

1. Illi huma ma ilhomx erba' snin separati kif inhu tassativament rikjest fil-ligi. Huma sseparaw legalment fit-22 ta' Marzu 2013 atti Nutar Dr Marco Buttigieg;
2. Illi fil-prezent hemm proceduri ta' medjazzjoni pendent stante li r-rikorrenti qed jitlob revizjoni ta' manteniment ghal minuri Faye E B minhabba li x-xoghol Ii ghandu llum jaqla ferm anqas mix-xoghol li kellu meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni. Jinghad ukoll li x-xoghol li kellu kien gie redundant;
3. Illi ghalhekk d-dritt tal-esponenti ta' revizjoni ta' manteniment ser jigi pregudikat stante li r-riduzzjoni ta' manteniment hu rizervat biss ghal mizzewgin u mhux ghal min ikun divorzjat;

Salvi risposti ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu, 2015;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat il-provi kollha li gew prodotti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dr Phyliss Aquilina ghar-rikorrenti u tal-intimat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr Anna Mallia ghall-intimat;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-intimat qieghed jopponi ghat-talba ta' divorzju ghal zewg ragunijiet. Raguni minnhom hija peress illi huwa qieghed jitlob revizjoni ta' manteniment ghall-minuri Faye E B u dana peress illi skont hu, minhabba x-xoghol illi ghandu illum jaqla ferm anqas mix-xoghol li kellu meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk skont l-istess intimat, jekk ma jigix deciz dan il-punt ta' revizjoni ta' manteniment ser jigi ippregudikat, stante illi r-riduzzjoni ta' manteniment hu rizervat biss ghall-mizzewgin u

mhux ghal min ikun divorzjat u t-tieni raguni illi ta bhala eccezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti hija illi skont hu, il-partijiet m'ilhomx erba' snin separati.  Huma isseparaw legalment fit-22 ta' Marzu 2013 u l-intimat jikkontendi illi m'ilhomx de facto separati ghal mill-anqas erba' snin peress illi skont hu, minkejja l-fatt illi ir-rikorrenti telqet mid-dar fid-9 ta' Marzu 2011 u minn dikinhar sallum il-partijiet qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi u qatt ma ghexu bhala mizzewgin, l-intimat jikkontendi illi meta r-rikorrenti telqet mid-dar hi riedet ftit zmien sabiex tahsibha.  Kienu ikkorrispondew bil-miktub flimkien u kienu anke siefru flimkien mat-tifla taghhom fit-30 ta' Ottubru 2011 u kienu raqdu f'kamra wahda li fiha kien hemm kompartament separat fejn kien raqad hu, izda mill-kuritur tal-hotel huma dahlu ghal din il-kamra minn bieb wiehed. Madanakollu l-intimat jammetti li lanqas matul din is-safra ma kien hemm xi relazzjonijiet sesswali bejnu u bejn ir-rikorrenti.

Illi effettivament il-Qorti rat illi ir-rikorrenti xehdet illi meta telqet mid-dar matrimonjali bit-tifla fid-9 ta' Marzu 2011, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tirrikoncilja mal-intimat.  Effettivament, qatt ma kien hemm relazzjonijiet sesswali bejn il-partijiet minn dakinhar sallum u il-partijiet qatt ma ghexu ta' mizzewgin taht l-istess saqaf. Ir-rikorrenti ikkonfermat illi kienet siefret mal-intimat u mat-tifla taghhom Euro Disney fis-sena 2011 u dan kien wara li telqet mid-dar matrimonjali, izda hija tikkontendi li raqdu fi kmamar separati u ma kellhom l-ebda relazzjoni intima lanqas matul dik is-safra, u dan hu kkonfermat ukoll mill-intimat.

Illi huwa minnu illi l-partijiet kienu esploraw il-possibilita li isalvaw iz-zwieg taghhom, izda ma waslu ghal ebda ftehim.

Illi l-Qorti rat illi effettivament ghalhekk ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa dan ir-rekwizit tal-Ligi fis-sens illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin meta ir-rikorrenti ipprezentat it-talba taghha ghal divorzju  fl-24 ta' Marzu 2015 u hija issodisfat dan ir-rekwizit peress illi ippruvat illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati ghal erba' snin, qatt ma regghu irrikonciljaw, qatt ma regghu ghexu flimkien bhala mizzewgin u lanqas biss ma kellhom l-ebda relazzjoni sesswali matul dan iz-zmien;

Illi rigward il-kwistjoni l-ohra ta' manteniment, ir-rikorrenti iddikjarat illi dejjem irceviet minghand l-intimat dak dovut minnu skont il-kuntratt ta' separazzjoni li gie ippubblikat fit-22 ta' Marzu 2013 u

dan fir-rigward tal-manteniment ta' binthom Faye E B. Illi ghalhekk irrizulta illi l-manteniment dovut skont il-kuntratt ta' separazzjoni prevalenti bejn il-partijiet dejjem thallas;

Illi l-intimat jikkontendi illi jekk tintlaqa it-talba tad-divorzju ser ikun aktar difficli ghalih li jitlob, kif diga talab u effettivament jircievi, riduzzjoni fil-hlas ta' manteniment pagabbli lir-rikorrenti;

Madanakollu il-Qorti rat illi l-Ligi tghid illi min ikun qieghed jitlob id-divorzju irid jipprova illi dejjem hallas manteniment skont il-kuntratt ta' separazzjoni prevalenti bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat illi dawn id-difizi mhumiex disponibbli ghall-intimat u ma japplikawx fil-kaz odjern, u dana peress illi fil-prezent ir-rikorrenti hija il-kreditur tal-manteniment dovut ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri skont il-kuntratt ta' separazzjoni li gie iffirmat u ippubblikat bejn il-partijiet;

Illi irrizulta effettivament illi l-intimat, wara li gie ipprezentat ir-rikors odjern, fetah proceduri godda ta' medjazzjoni fid-19 ta' Mejju 2015, fejn talab revizjoni ta' manteniment dovut minnu ghall-minuri minhabba li x-xoghol li ghandu illum jirrendi anqas mix-xoghol illi kellu meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni u jghid ukoll illi mix-xoghol illi kellu kien gie redundant.

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 66 D (2) tal-Kap. 16 illi jghid hekk :

“Fejn il-miżżewġin ikunu diġa separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-Qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.”

Illi l-Qorti rat illi effettivament skont il-kuntratt ta' separazzjoni li gie iffirmat u ippubblikat bejn il-partijiet jirrizulta, kif diga intqal, illi

huwa l-intimat illi irid ihallas il-manteniment u mhux ir-rikorrenti u ghalhekk il-Qorti tara illi dan l-Artikolu ma jistax jipprevali ruhu minnu l-intimat;

Ghaldaqstant il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u huma illum legalment separati ukoll;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.